

Brussell, 30 ta' Marzu 2017
(OR. en)

7696/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0357 (COD)

FRONT 146
FAUXDOC 17

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Marzu 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tar-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tar-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, adottati mill-Kunsill fit-3528 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Marzu 2017.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**DWAR IL-PJAN TA' AZZJONI TAL-KUMMISSJONI****GĦAT-TISĦIĦ TAR-REAZZJONI EWROPEA GĦALL-FRODI TAD-DOKUMENTI
TAL-IVVJAĠĠAR**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'Saħħithom u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà"¹, "It-titjib tas-sigurtà f'dinja ta' mobilità: skambju mtejjeb tal-informazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fruntieri esterni li jifilħu aktar"², u "Pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tar-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar"³,

1. JIRRIKONOXXI l-importanza kruċjali ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identità siguri biex jiġi indirizzat il-fenomeni tal-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar;
2. JISSOTTOLINJA li s-sigurtà tad-dokumenti oriġinaturi, tal-identità u tal-ivvjaġġar hi fattur ewlieni għat-tisħiħ tas-sigurtà interna, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u t-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri; u JFAKKAR fil-ħtieġ li jitħaffef il-pass tal-implimentazzjoni tal-iskambju ta' ċertifikati għall-verifika tal-marki tas-swaba' permezz tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt (SPOC) u l-awtentiċità tad-data taċ-ċippa bl-użu tal-Listi ta' Referenza;
3. JENFASIZZA l-importanza tal-ħidma li saret mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1683/95 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża u li dan jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jiddiskuti standards ta' natura teknika;
4. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' standards ta' sigurtà għal dokumenti rilevanti ta' residenza, tal-identità u tal-ivvjaġġar; u JIRRAKKOMANDA li jenħtieġ li d-dokumenti oriġinaturi jkollhom standards minimi ta' sigurtà għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni, meta jintużaw bħala prova tal-identità;

¹ COM(2016) 205 final.

² Dok. 12307/16.

³ Dok. 15502/16.

5. JILQA' l-iskambju tal-aħjar prattiki li għaddej bħalissa, inkluż permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat tal-esperti ospitati mill-Kummissjoni Ewropea, il-Frontex jew l-eu-LISA, dwar ir-reġistrazzjoni bijometrika sigura (marki tas-swaba' jew immaġni tal-wiċċ) u s-sigurtà tal-proċessi ta' ħruġ għal dokumenti oriġinaturi, tal-identità u tal-ivvjaġġar;
6. IFAKKAR fil-ħidma li saret minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fil-qafas tal-provi tal-identità u t-titjib tas-sigurtà tad-dokumenti oriġinaturi;
7. JINNOTA li attwalment, is-Sistema FADO (Dokumenti Foloż u Awtentiċi Online) fiha madwar 3,000 kampjun ta' dokumenti ġenwini u ta' eżempji anonimizzati ta' dokumenti foloż li jiddeskrivu t-tekniki ta' falsifikazzjoni li jintużaw, kif ukoll madwar 2,000 twissija ta' dokumenti nazzjonali foloż;
8. JIRRIKONOXXI li peress li s-sistema FADO ġiet stabbilita bl-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 1998⁴, il-ġestjoni tagħha hi kemxejn obsoleta u li ġestjoni ċentralizzata fil-livell tal-Kummissjoni tkun aktar adatta; JIEĦU NOTA l-ideat imressqa f'dan il-kuntest mill-Frontex u l-eu-LISA fil-laqgħa informali tal-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) li saret f'Malta fis-16 ta' Frar 2017 fir-rigward tal-ġestjoni futura tas-sistema FADO;
9. IQIS li s-sistema FADO, li għandha rwol ewlieni fil-kxif ta' frodi tad-dokumenti u tal-identità relatati magħhom, ma għadhiex kompletament idonea għall-iskop tagħha; IQIS ukoll li f'dan ir-rigward jistgħu jiġu sfruttati sinerġiji permezz tal-użu tal-esperjenza tal-Grupp ta' Utenti tas-sistema FADO, l-għarfien espert tal-Frontex fil-qasam tal-frodi tad-dokumenti u l-ħidma li din l-aġenzija kienet diġà qiegħda twettaq f'dan il-qasam, u l-kompetenza tal-eu-LISA fl-ospitar ta' sistemi tal-IT marbutin mas-sigurtà;
10. JISSOTTOLONJA li tenħtieġ bidla mill-qiegħ tas-sistema FADO permezz ta' bidla tal-bażi legali tagħha sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-linji ta' politika fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-isfidi li għandna quddiemna f'dan il-qasam, kif enfasizzati wkoll mill-Koordinatur tal-UE għall-Għieda Kontra t-Terroriżmu⁵, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tas-sistema;

⁴ Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/700/ĠAI.

⁵ Dok. 14260/16: "Implimentazzjoni tal-aġenda kontra t-terroriżmu stabbilita mill-Kunsill Ewropew".

11. IQIS li jkun ta' benefiċċju kbir li l-Istati Membri jtellgħu informazzjoni fis-sistema FADO fuq bażi obbligatorja; għalhekk, JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea biex tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa, inkluż proposta leġislattiva li tistabbilixxi s-sistema FADO fuq bażi iktar solida, filwaqt li tiżgura l-kontinwità u l-iżvilupp tagħha;
12. IQIS b'mod partikolari li fid-dawl tal-isfidi reċenti li qed tiffaċċa l-Unjoni Ewropea b'rabta mal-migrazzjoni illegali u s-sigurtà, it-titjib tal-użu tas-sistema FADO hu prijorità;
13. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, biex jużaw il-kooperazzjoni attwali ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tal-Qafas ta' Sħubija dwar il-Migrazzjoni, il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Belt Valletta u d-djalogi dwar il-viża, sabiex itejbu s-sigurtà tad-dokumenti oriġinaturi, tal-identità u tal-ivvjaġġar fil-livell internazzjonali bħala kwistjoni ta' prijorità; JENFASIZZA li din il-kooperazzjoni tikkostitwixxi opportunità tajba biex titjieb is-sigurtà tad-dokumenti u biex ikomplu jiġu żviluppati reġistri tal-popolazzjoni f'pajjiżi terzi li jingħataw prijorità; JIEĦU NOTA tal-kooperazzjoni bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi f'dan ir-rigward;
14. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-istrutturi preparatorji tal-Kunsill biex jiżguraw segwitu adatt tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' azzjoni biex tissaħħaħ ir-reazzjoni Ewropea għall-frodi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar.